**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Numru: 483 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs.**

**Moira Micallef**

Illum, 28 ta' Marzu, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Moira Micallef bint Alfred u Rose Marie nee' Vella mwielda fid-19 t' April, 1972, Vittoriosa u toqghod Blk 1, No 17, Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, Birgu, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 238772 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) :

BILLI inti akkuzat / a talli fl-10 ta' Frar, 2022 ghall-habta ta' 15:15 hrs, gewwa Triq Gublew tal-Fidda, Birgu,, soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBT 628:

1. Gieghelt, hallejt jew ippermettejt li l-vettura bil-mutur Nru. DBT 628 jew vettura ohra tinsaq minn Ryan Azzopardi (ID: 116599 M) li ma jkollhiex il-licenza mehtiega biex issuq vettura bil-mutur jew vettura ohra Sec. 15 (1) (b) (3), Chap. 65;

2. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil Ryan Azzopardi ID: 116599 M juza vettura bil-mutur nru: DBT 628 fit-toroq, ghal uzu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-ohra minghajr polza t' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni. Sec. 3 (1), Chap. 104;

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat / a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 t' Ottubru, 2022, fejn il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputata mill-imputazzjoni numru tnejn (2) peress illi ma' tirrizultax, issibha hatja tal-ewwel imputazzjoni (Kap. 65, Art. 15 (1) (b)) u kkundannatha thallas multa ta' mitejn euro (€200). B'zieda mal-piena l-Qorti skwalifikatha milli jkollha jew milli tikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tmint (8) ijiem (Kap. 65 Art. 15 (3)).

Rat ir-rikors tal-appellanti Moira Micallef minnha pprezentat fit-8 ta' Novembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet htija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma sabitx htija fir-rigward tat-tieni mputazzjoni u minflok issib htija f'dan ir-rigward ukoll u tinfliggi piena adegwata u skont il-ligi.

Rat illi l-esponent Avukat Generali hassu aggravat bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghas-segwenti ragunijiet:

Illi b'kull rispett, l-esponent ma jaqbilx mal-konkluzjoni tal-Qorti tal-Magistrati fir-rigward tat-tieni mputazzjoni. L-esponent huwa tal-umli fehma li ghal aktar kjarezza ta' hsieb ikun opportun li wiehed jibda billi jikkunsidra u jezamina l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jghid hekk:

> *Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, hadd ma jista' juza jew igieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, ghall-uzu tal-vettura* ***minnu jew minn dik il-persuna l-ohra,***[1] *skont il-kaz, ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*

Illi kif qalet tajjeb il-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-elementi necessarji ghall-vjolazzjoni ta' dan l-Artikolu huma s-segwenti:

1. L-imputat: Fil-kaz ta' "juza", l-imputat jista' jkun kwalunkwe persuna li tista' tinstab kriminalment responsabbli taht il-ligi. Fil-kaz ta' "igieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza", l-imputat irid ikun necessarjament sid il-vettura, xi hadd li ghandu pussess taghha jew inkella xi hadd li lilu giet fdata l-vettura;
2. Il-vettura bil-mutur: Trid tintuza "vettura bil-mutur" sabiex ir-reat jissussisti;
3. Il-lok: Il-vettura trid tintuza fit-triq, jigifieri, trid tkun effettivament qieghda tigi misjuqa fit-triq; u
4. L-uzu tal-vettura mis-sewwieq, cioe' mill-persuna li qed tuzaha jew li giet imgieghla tuzaha jew permessa li tuzaha ma tkunx koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

---

[1] Enfasi tal-esponent.

Illi l-esponent ma jikkontestax l-analizi tal-ewwel tliet elementi maghmula mill-Qorti tal-Magistrati. Pero', l-esponent jikkuntesta l-analizi u l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati fir-rigward tar-raba' element. Il-Qorti tal-Magistrati interpretat ir-raba' element bhallikieku l-polza tal-assigurazzjoni tkopri l-vettura nnifisha u mhux il-persuna li tkun qed tuza l-vettura. Skont il-Qorti tal-Magistrati, dan ifisser li "fir-rigward tal-kopertura tat-terz ma taghmilx differenza jekk min kien qieghed juza l-vettura u kkawza d-danni kellux licenzja tas-sewqan jew le, ghandux inqas minn 25 sena jew le, jew jekk huwiex b'xi mod eskluz mill-kopertura tal-polza jew le" u li t-"terz dejjem protett jekk fis-sehh ikun hemm polza ta' assigurazzjoni tal-vettura". Skont il-Qorti tal-Magistrati, "it-terz ma jkunx protett biss jekk fid-data ta' xi ncident li jkun involut fih hu **ma jkunx hemm fis-sehh** polza ta' assigurazzjoni ghal dik il-vettura **u huwa dan il-kaz illi ried jipprevjeni milli jigri l-legislatur permezz tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta**".

Dejjem skont il-Qorti tal-Magistrati, "[f]'kazijiet bhal dawn, it-terz xorta jista' jkollu forma ta' protezzjoni billi japplika lill-Fond ghal Protezzjoni u Kumpens taht l-Art. 9D(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta pero' dan mhuwiex desiderabbli u hija sitwazzjoni bhal din illi l-legislatur ried jipprevjeni milli tigri permezz tal-Art. 3(1)". Il-Qorti tal-Magistrati spjegat ukoll li "[f]'kaz ta' incident fit-triq (xi haga li ma gratx fil-kaz odjern), l-imputata kienet x'aktarx ikollha problema ghar-risarciment tad-danni minghand il-kumpanija tal-assigurazzjoni ghaliex din kienet tkun izjed iva milli le intitolata tirrifjuta l-kopertura abbazi ta' eskluzjoni mill-polza stess". Il-Qorti tal-Magistrati kompliet tispjega li "**[f]i kwalunkwe kaz pero' din tkun kwistjoni ta' natura civili u m'hijiex ta' rilevanza ghall-kamp kriminali**. Li huwa rilevanti, anzi krucjali ghall-fini tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u kwindi ghal din il-kawza, huwa illi ghall-uzu ta' dik il-vettura tkun tezizti polza ta' assigurazzjoni li tkun *in vigore*. Jekk tali polza tkun tezizti, allura t-terz **dejjem** ikun protett (hlief f'certu kazijiet specifiki elenkati fil-ligi u li ma japplikawx ghal dan il-kaz) ghaliex jigri x'jigri,

tkun qed tinstaq minn min tkun qed tinstaq, il-kumpanija tal-assigurazzjoni tkun obbligata taghmel tajjeb ghad-danni li t-terz jsofri b'kawza tal-uzu tal-vettura".

Illi, bid-dovut rispett, l-esponent ma jaqbilx ma' dan ir-ragonament tal-Qorti tal-Magistrati. Il-Qrati taghna kemm il-darba kellhom l-opportunità li japprofondixxu dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u dwar ir-reat ikkoncernat. Fil-fatt, fil-kaz odjern, il-Qorti tal-Magistrati stess stqarret li "[m]atul is-snin din il-Qorti u anke l-Qorti tal-Appell gieli ddecidew illi l-kliem 'ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra" fl-Art. 3(1) tal-Kap. 104 jfissru illi **l-polza tal-assigurazzjoni ghanda tkopri il-persuna li tkun qed tuza l-vettura u mhux tant il-vettura nnifisha. Li jfisser dan li jekk ghal xi raguni l-imputat ikun eskluz mill-kopertura (per ezempju ghaliex m'ghandux licenzja tas-sewqan[2]** jew ghaliex ghandu inqas minn 25 sena u ma jkunx "*sewwieq awtorizzat*" specifikat fil-polza) **allura huwa jkun hati tal-akkuza migjuba kontrih taht l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta**".[3]

Illi fil-kaz fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar***,[4] din l-Onorabbli Qorti rriteniet hekk:

> *Is-serhan tal-mohh li l-vittma ghandu cans ikbar ghar-rizarciment tad-dannu civilment minhabba li kull karozza trid tkun assigurata* ***bl-ebda mod ma jxejjen id-dmir li kull sewwieq ikun assigurat u li jekk jonqos li jaghmel dan jista' jinstab hati ta' reat***.[5]

Illi dan allura jfisser li kull sewwieq huwa obbligat bil-ligi li jkun kopert b'polza ta' assugirazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Fil-kaz fuq imsemmi, din l-Onorabbli

---

[2] Enfasi tal-esponent.
[3] Enfasi tal-esponent.
[4] Deciz fl-24 ta' Ottubru 2011.
[5] Enfasi tal-esponent.

Qorti kienet ikkonfermat il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Magistrati li, galadarba rrizulta li l-assigurazzjoni tal-vettura in kwistjoni ma kinitx tkopri persuni taht il-25 sena kif kien l-appellant, huwa kien hati talli saq il-vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ghal terzi persuni.

Illi l-esponent jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-kaz fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra***.[6] F'dak il-kaz, Joseph Zahra kien akkuzat talli (i) saq minghajr licenzja tas-sewqan u (ii) ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Huwa kien ammetta quddiem il-Qorti tal-Magistrati li saq minghajr licenzja tas-sewqan u l-Qorti tal-Magistrati pprocediet billi sabitu hati taz-zewg imputazzjonijiet addebitati lilu. Huwa kien intavola rikors t'appell fejn kien talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minnha. Wara li gharblet il-provi kollha migjuba quddiemha, f'dak il-kaz din l-Onorabbli Qorti osservat illi:

> *... hemm ammissjoni tal-ewwel imputazzjoni daparti tal-appellant u din awtomatikament iggib htija fit-tieni wahda – jigifieri l-imputazzjoni li l-appellant ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni.*

Illi, inoltre, l-esponent jirreferi ghas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-kaz fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Gatt***[7] fejn, ghall-argument tal-appellant Joseph Gatt li, galadarba l-assigurazzjoni hi dejjem marbuta taghmel tajjeb ghal dejn civili favur terzi skont il-ligi, allura s-sewwieq ta' vettura huwa dejjem assigurat, il-Qorti osservat illi:

---

[6] Deciz fit-2 ta' Lulju 2012.
[7] Deciz fit-18 ta' Jannar 2016.

*Issa, traccjat l-insenjament tal-Qrati tul iz-zmienijiet, jidher illi* ***sas-sena 2005, l-Qrati taghna dejjem fehemu dak li fis-semplicita' tieghu jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kap 104, igifieri li hadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jaghmel dan. Dik is-sentenza izda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbligi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriz ir-Regolatur, sabiex tinhargilhom u jzommu fis-sehh il-licenzji taghhom bhala assikurazzjoni kompriz l-obbligi taghhom li jiehu sehem f'pool bhala insurers concerned ma jistghax jitqies li jezonera lill-kull sewwieq mill-obbligi tieghu taht il-Kapitolu 104**.[8] Tant hu hekk illi, ghad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza ghal diversi kawzi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza taghha* ***Il-Pulizija vs Andre Apap tal-4 ta' Frar, 2011*** *rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha* ***Il-Pulizija vs Angelo Scuderi (3.11.2005), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.4.2007) u Il-Pulizija vs Charles Galea (7.5.2007)*** *u ohrajn "dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tieghu..".*

Fil-kaz fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Gatt***[9] fuq imsemmi, din l-Onorabbli Qorti ma rat ebda raguni ghaliex kellha taghti xi interpretazzjoni differenti ghall-Artikoli 3(1) u 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qieset illi l-appellant ma kienx debitament assigurat.

[8] Enfasi tal-esponent.
[9] Deciz fit-18 ta' Jannar 2016.

Illi, di piu', l-esponent jirrileva li fil-kazijiet fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Plamen Zhelyozkov Petkov***,[10] ***Il-Pulizija vs Jonathan Grech***[11] u ***Il-Pulizija vs Tarquin Vella***,[12] din l-Onorabbli Qorti kkonfermat is-segwenti:

> …. gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Peter Paul Micallef"** [18.9.2002] meta kienet saret ukoll riferenza ghas-sentenza "**Il-Pulizija vs. Carlo Abela"** [15.07.96] fejn din il-Qorti irriteniet li **galadarba persuna ma jkollhiex licenzja tas-sewqan, hi ma tistax tkun koperta b' polza ta' assikurazzjoni u fil-fatt dik hi l-pozizzjoni legali, ghax galadarba jigi pruvat li d-driver ma jkollux driving licence, ebda insurance ma tkoprieh.**[13] Jekk umbaghad id-driver ikun daqstant fortunat li jsib xi assikurazzjoni li lesta li tkoprieh anki meta ma jkunx licenzjat biex isuq, jispetta lilu biex jaghmel il-prova ta' tali kopertura u mhux lill-Prosekuzzjoni li tipprova li dik il-karozza partikolari ma kienetx koperta b'polza ta' assikurazzjoni jew li tali assikurazzjoni ma tkunx tkopri lil dak id-driver. Biex issir tali prova altrimenti kull darba jkunu iridu jigu prodotti bhala xhieda r-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha li joperaw f'Malta u Ghawdex biex jiddikjaraw jekk hemmx polza ghall-dik il-vettura jew le u f'kaz li iva jekk id-driver individwalment hux kopert . F'kull kaz, anki kieku il-karozza tkun koperta b'assikurazzjoni, dan ma jfissirx li kull driver li jirkeb fiha, ikunx licenzjat jew le, ikun ukoll kopert b'polza kontra r-riskji tat-terzi persuni ghax jistghu ikun hemm restrizzjonijiet dwar min ikun kopert b'polza partikolari.

---

[10] Deciz fit-2 ta' Novembru 2006.
[11] Deciz fil-25 ta' Jannar 2007.
[12] Deciz fit-23 ta' Marzu 2021.
[13] Enfasi tal-esponent.

Illi t-test tal-ligi Ingliza li tkopri din il-materja, senjatament l-Artikolu 143(1)(a) tar-*Road Traffic Act 1988*, huwa kwazi jdentiku ghal dan l-artikolu u jipprovdi hekk:

> *Subject to the provisions of this Part of this Act -*
> *a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle* ***by that person***[14] *such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act...*

Illi fit-tliet kazijiet surriferiti, senjatament, il-kazijiet fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Plamen Zhelyozkov Petkov***,[15] ***Il-Pulizija vs Jonathan Grech***[16] u ***Il-Pulizija vs Tarquin Vella***,[17] din l-Onorabbli Qorti kompliet tispjega hekk:

> *Illi l-pozizzjoni fil-ligi u l-Qrati Inglizi hi hekk ukoll. Di fatti kif jghid l-ARCHBOLD [Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998, London, Sweet & Maxwell, p. 2417] fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza:-*
>
> *"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time: Philcox vs Carberry {1960} Crim. L.R. 563, D.C."*
>
> *Illi saret f' dik is-sentenza riferenza ukoll ghall Criminal Law Review, 1960 li b'riferenza ghal din is-sentenza fuq citata, kkumenta hekk:-*
> *"It is an established rule of evidence that where the truth of the party's allegation lies peculiarly within the knowledge of his opponent, the burden of disproving it lies*

[14] Enfasi tal-esponent.
[15] Deciz fit-2 ta' Novembru 2006.
[16] Deciz fil-25 ta' Jannar 2007.
[17] Deciz fit-23 ta' Marzu 2021.

*upon the latter." {Halsbury's Laws of England, 3rd edn, Vol.15, 270} In the Criminal Law, it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some act in the absence of a licence or permission and similar cases. It was stated by Talbot J., obiter, in Williams v. Russell (1933) 149 L.T. 190, that on a charge of using a motor vehicle without there being in force a policy of insurance, the onus was on the accused to prove he had a policy. This would seem, with respect, a proper application of the principle and is confirmed by the present case."*

*Umbaghad BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1992) [Blackstone Press Limited, p.1788] jghid:-*

*"In the case of driving without a licence, it is for the accused driver to prove that he is insured. (Williams v. Russell [1933] 149 LT 190; Philcox v. Carberry [1960] Crim. L.R. 563)*

Illi fil-kaz Ingliz *Director of Public Prosecutions v Hay*[18], il-Qorti Ingliza ddikjarat is-segwenti:

*It has long been the law that in prosecutions both for driving without a licence and for driving without insurance, once the prosecution have proved that the defendant drove a motor vehicle on a road, then it is for the defendant to show that he held a driving licence and that there was in force an appropriate policy of insurance, since these are matters that are peculiarly within his kowledge: see the decision of this court in John v Humphreys [1955] 1 All ER 793, which was followed in Philcox v Carberry [1960] CLR and DPP v Kavaz [1999] RTR 81.*[19]

---

[18] [2005] EWHC 1395 (Admin).

[19] ibid [9].

**Illi, tenut kont tal-insenjament kollu fuq imsemmi, l-esponent jenfasizza li fil-kaz odjern, ghalkemm l-appellata esebixxiet polza ta' assigurazzjoni valida fir-rigward ta' riskji ta' terzi persuni, Ryan Azzopardi qatt ma seta' jkun kopert b'dik il-polza proprju ghax ma kellux licenzja tas-sewqan. Il-pozizzjoni legali hi li galadarba persuna ma jkollhiex licenzja tas-sewqan, hi awtomatikament ma tistax tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni ghax l-ebda kumpanija tal-assigurazzjoni ma tkun lesta li tohrogilha polza li tkopriha.**

Illi b'kull dovut rispett, l-esponent jissottometti li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-kaz odjern hija wahda li ghandha konsegwenzi ferm serji u sahansitra perikoluzi. Dan qieghed jinghad stante li, bl-interpretazzjoni moghtija f'dan il-kaz mill-Qorti tal-Magistrati, qieghed jintbghat messagg lill-pubbliku in generali li kwalunkwe persuna tista' ssuq kwalunkwe vettura basta li dik il-vettura tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Galadarba hemm dik il-polza tal-assigurazzjoni, is-sewwieq ikun ezonerat mir-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, irrispettivament jekk ikunx intestat bhala *authorised driver* fil-polza tal-assigurazzjoni u, sahansitra, irrispettivament jekk ikollux licenzja tas-sewqan jew jekk is-sewwieq ikunx tal-età.

Illi l-interpretazzjoni hekk moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-kaz odjern certament tmur kontra l-ispirtu tal-ligi u l-intendiment tal-legislatur meta giet introdotta l-prezunjoni taht l-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. In fatti, fid-dibattiti tal-deputati ta' nhar it-13 ta' Novembru 2002, f'liema dibattiti gew diskussi l-introduzzjoni tal-Artikoli 3(1A) u 3(1B) tal-Kapitolu 104, liema Artikoli dahlu fis-sehh permezz tal-Att XXX tal-2002, il-Ministru ghat-Transport u Komunikazzjoni ta' dak iz-zmien Censu Galea accena ghall-bzonn li "**jigi assigurat li kull persuna li tkun qed**

**issuq jkollha *insurance cover*"**.[20] Kwindi anke l-legislatur wera bic-car l-intenzjoni tieghu li l-obbligu li jigi zgurat li hemm polza ta' assigurazzjoni li tkopri l-uzu ta' vettura huwa propju fuq is-sewwieq ta' dik il-vettura u fuq hadd izjed.

Illi huwa minnu li l-ligi taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta hija ntiza qabel kollox sabiex tipprotegi l-interessi ta' terzi persuni u huwa minnu ukoll li l-assigurazzjoni hija dejjem marbuta taghmel tajjeb ghad-dejn civili favur terzi persuni skont il-ligi. Madanakollu, dan ma jfissirx li sewwieq huwa ezentat mill-obbligi tieghu taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-aggravju tal-Avukat Generali hu bbazat fuq l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-interpretazzjoni tieghu. Dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:

> *'3. (1) Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, hadd ma jista' juza jew igieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, skont il-kaz, ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*

L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha qiedgha ssostni illi li huwa rilevanti illi li ghall-uzu ta'vettura tkun tezisti polza ta' assigurazzjoni li tkun *in vigore* u jekk din tkun tezisti allura t-terz dejjem ikun kopert. It-terz ma jkunx protett biss jekk fid-data tal-incident ma jkunx hemm fis-sehh polza tal-assigurazzjoni ghal dik il-vettura. Il-Qorti tal-Magistrati sostniet illi huwa dan il-kaz illi ried jipprevjeni milli jigri l-legislatur

---

[20] Kamra tad-Deputati, Rapport Ufficjali u Rivedut, Id-disa' Parlament, Laqgha numru 814, l-Erbgha, 13 ta' Novembru 2002.

permezz tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre, l-Ewwel Qorti qalet ukoll illi hija konoxxenti mill-fatt illi hemm interpretazzjonijiet divergenti dwar dan il-punt u cioe' li l-persuna li tkun qed issuq il-vettura trid tkun assigurata u mhux il-vettura nnifisha. Madankollu, il-Qorti tal-Magistrati kkonkludiet illi ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni.

Min-naha l-ohra l-Avukat Generali qieghed isostni illi is-sewwieq tal-vettura irid ikun kopert b'assigurazzjoni u mhux biss il-vettura nnifisha sabiex ma tinstabx htija taht l-Artikoilu 3(1) tal-Kap. 104 sucitat.

Din il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex taghmel referenza ghall-gurisprudenza tal-Qrati taghna fejn wiehed jista' jinnota divergenza rigward l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u dwar il-prova tal-assigurazzjoni.

Fis-senetenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelo Scuderi**[21] gie ritenut is-segwenti:

> *"li dwar it-tieni aggravju w cioe' li l-karenza tal-licenzja tas-sewqan ma timplikax necessarjament il-htija taht ittielet imputazzjoni, jirrizulta li fil-fatt il-van Transit AVY-012 li kien isuq l-appellant kien kopert b' assikurazzjoni mallVictoria Insurance Agency Ltd. ghall-periodu bejn l-1 ta' Frar, 2004 sal-31 ta' Jannar, 2005 (fol. 3) Kwindi fid-data in kwistjoni kien hemm assikurazzjoni.*
>
> *Illi l-appellant silet argument mill-artikolu 10(1) talKap.104 li jghid testwalment hekk ;-*
>
> *"Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta' sigurta' taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza*

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Novembru, 2005.

*kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta' li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza (meta hija responsabbilta' koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f' dan il-kaz, ghad li l-assikuratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ihallas lil-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull soma ta' flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza dwar irresponsabbilta' fuq imsemmija …." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Is-subartikoli (2) u (3) umbaghad jelenkaw serje ta' eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta' hlas.*

*Illi minn din id-dicitura ta' dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta' ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, d-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-risjki ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat."*

Fuq l-istess linja ddecidiet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stefan Apap**[22] fejn ukoll ghamlet referenza ghas-sentenza sucitata:

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 t' April, 2007.

*"Illi ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni ta' sewqan bla kopertura ta' polza t' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti: "Il-**Pulizija vs. Angelo Scuderi**" [3.11.2005], fejn il-fattispecji kienu li Scuderi, fiz-zmien imsemmi fl-akkuza, **ma kellux licenzja tas-sewqan pero' kien irrizulta li -lvettura li kien qed isuq kienet koperta b' polza ta' assikurazzjoni.***

*F' dik il-kawza l-appellant kien silet b'success argument mill-artikolu 10(1) tal-Kap.104 li jghid testwalment hekk ;-*

*"Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta' sigurta' taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta' li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza (meta hija responsabbilta' koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f' dan il-kaz, ghad li l-assikuratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ihallas lil-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull somma ta' flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbilta' fuq imsemmija …." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Is-subartikoli (2) u (3) umbaghad jelenkaw serje ta' eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta' hlas.*

***Illi din il-Qorti kienet allura ddecidiet li minn din id-dicitura ta' dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta' ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fissubartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew***

***ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, ddriver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm ilkopertura tal-polza kontra r-risjki ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat.***

***Jidher li dan il-kaz bhala fattispecji hu simili hafna ghal dak ta' Scuderi, fejn ukoll irrizuta li l-appellant kien qed isuq vettura li kienet assikurata pero' hu ma kellux licenzja.***

*Ikkonsidrat;*

*Illi huwa minnu li bejn l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti lill-artikolu 10 (1)(2) u (3) fil-kaz ta' Scuderi fuq citat u l-artikolu 3 (1A) tal-Kap.104 jista' jkun hemm certa kontradizzjoni apparenti*

*Din pero' fil-fehma tal-Qorti hija biss apparenti w tista' tigi rikonciljata. Di fatti fejn ikun jidher prima facie ghall-prosekuzzjoni minn verifiki preliminari mal-Awtorita' Dwar it-Trasport li l-**vettura involuta fil-kaz tkun licenzjata biex tkun fit-triq u allura, bis-sistema amministrattiv prevalenti llum, necessarjament koperta b' polza ta' assikurazzjoni, kif inhu l-kaz prezenti u kif kien dak ta' Scuderi, jibqa' dejjem jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li, jekk trid, tipprova li l-kaz tad-driver li ma jkunx licenzjat ma jkunx kopert skond il-polza vigenti kopert bl-istess polza.***

*Invece fejn dan ma jkunx il-kaz u anki l-karozza ma tkunx licenzjata ghat-triq u allura possibilment u x' aktarx ukoll ma tkunx koperta b' polza, tiskatta il-prezunzjoni kontenuta fl-artikolu 3 (1A) tal-Kap. 104 li titfa' l-oneru li jkun hemm*

*polza ta' assikurazzjoni mahruga taht l-art. 4(4) tal-Ordinanza fuq il-persuna akkuzata.*

*Fl-ewwel kaz, ladarba l-vettura tkun licenzjata, l-Awtorita' Dwar it-Trasport tkun taf ma min hi assikurata l-vettura w din hija facilment identifikabbli ghall-prosekuzzjoni w tkun tista' tigi ngunta biex tiddeponi dwar il-kontenut tal-polza w xi ezenzjonijiet jew limitazzjonijiet li tista' tikkontjeni fit-termini tal-art. 10 tal-Kap.104, billi okkorrendo anki tesibixxi kopja tal-istess polza. F' kazi bhal dawn ikun assurd li ghalkemm jirrizulta car li hemm polza, tiskatta l-prezunzjoni li ma hemmx polza kontenuta fl-art.3 (1A).*

*Fit-tieni kaz, fejn zgur mhux possibbli ghall-prosekuzzjoni li tindovna jekk ikunx hemm assikurazzjoni u, jekk ikun hemm, liema tkun id-ditta assikuratrici, ovvjament mhux mistenni mill-Prosekuzzjoni li tingungi lir-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha tal-pajjiz biex taghmel il-prova li fuq dik il-vettura ma jkunx hemm polza. Ghalhekk jaghmel hafna sens li hawn tiskatta l-prezunzjoni kontenuta fl-art. 3 (1A) bl-inversjoni tal-oneru tal-prova kontra l-persuna akkuzata bir-reat ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza t' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi."*[23]

L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ghamlet referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Zarb**[24] fejn saret referenza specifika ghall-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ghas-sentenzi sucitati u ohrajn:

***"Id-dicitura tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 hija cara u ma thalli lok ghall-ebda tip ta' interpretazzjoni. Jissussistu l-elementi tar-reat previst fl-***

[23] F'dan is-sens ara wkoll **Il-Pulizija vs Charles Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Mejju, 2007.
[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Marzu, 2015.

***imsemmi artikolu meta "ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni, skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza." Is-semplici fatt li tkun tissussisti kopertura assigurattiva jeskludi ghal kollox ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu;***

*Eventwali ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza jista` jwassal ghal konsegwenzi ta' natura civili bejn l-assikuratur u l-assigurat, senjatament l-eventwali dritt ta' regress civili li l-assiguratur jista` jkollu fil-konfront tal-assikurat. Izda tali kwistjonijiet ta' natura civili huma res inter alios acta bejn l-assikuratur u l-assigurat u huma ghal kollox estranei ghal dak li jirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 3(1) tal-Kap 104 billi dan ir-reat jissussisti biss meta ma tkunx fis-sehh polza ta' assigurazzjoni.*

*Illi dak ritenut fis-sentenza in re Scuderi gie kkonfermat b'diversi sentenzi ohra ta' din il-Qorti fosthom* ***Il-Pulizija vs Joseph Micallef (30.03.2006), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.04.2007), Il-Pulizija vs Nicky Pace (04.04.2007), Il-Pulizija vs Charles Galea (07.05.2007), Il-Pulizija vs Emanuel Bonello (27.07.2007), Il-Pulizija vs Oliver Camilleri (09.08.2007) u l-Pulizija vs George Mizzi (05.11.2008);***

*Illi effettivament dawn is-sentenzi, kif spjegat, jittrattaw principalment fuq min jinkombi l-oneru tal-prova dwar l-assikurazzjoni. Fil-kaz in dizamina l-appellant ghamel prova tal-ezistenza tal-prova assigurattiva u mar oltre billi ghamel il-prova li effettivament is-socjeta assikurattrici irrizarciet id-danni tas-sinistrata.* ***Ghalhekk, una volta li jirrizulta li kien hemm polza fis-sehh ghal-finijiet tal-Kap 104, l-esponent ghandu jigi wkoll illiberat mit-tieni imputazzjoni migjuba kontrih****;"*

Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta jixbah hafna l-ligi Ingliza u cioe' r-*Road Traffic Act 1988*. Lord Denning fis-sentenza ***Nettleship v. Weston***[25] qal hekk:

> ***"Parliament requires every driver to be insured against third party risks. The reason is so that a person injured by a motor car should not be left to bear the loss on his own, but should be compensated out of the insurance fund. The fund is better able to bear it than he can. But the injured person is only able to recover if the driver is liable in law. So the judges see to it that he is liable"***

Referenza ghar-*Road Traffic Act* indikat *supra* saret ukoll fis-sentenza **Il-Pulizija vs Jonathan Grech.**[26] Din is-sentenza taghat interpretazzjoni differenti ghall-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u ghamlet ukoll referenza ghal xi sentenzi ohrajn:

> *"ILli kif gie ritenut fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Plamen Petkov**" [2.11.2006]:-*
>
> *"…. gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Peter Paul Micallef**" [18.9.2002] meta kienet saret ukoll riferenza ghas-sentenza "**Il-Pulizija vs. Carlo Abela**" [15.07.96]* ***fejn din il-Qorti irriteniet li galadarba persuna ma jkollhiex licenzja tas-sewqan, hi ma tistax tkun koperta b' polza ta' assikurazzjoni u fil-fatt dik hi l-pozizzjoni legali, ghax galadarba jigi pruvat li d-driver ma jkollux driving licence, ebda insurance ma tkoprieh. Jekk umbaghad id-driver ikun daqstant fortunat li jsib xi assikurazzjoni li lesta li tkoprieh anki meta ma jkunx licenzjat biex isuq, jispetta lilu biex jaghmel il-prova ta' tali kopertura u mhux lill-Prosekuzzjoni li tipprova li dik il-karozza partikolari ma kienetx koperta b' polza ta' assikurazzjoni***

---

[25] [1971] 2 QB 691 p699.

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Jannar, 2007.

***<u>jew li tali assikurazzjoni ma tkunx tkopri lil dak id-driver.</u>***[27] *Biex issir tali prova altrimenti kull darba jkunu iridu jigu prodotti bhala xhieda r-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha li joperaw f' Malta u Ghawdex biex jiddikjaraw jekk hemmx polza ghall-dik il-vettura jew le u f' kaz li iva jekk id-driver individwalment hux kopert . F'kull kaz, anki kieku il-karozza tkun koperta b'assikurazzjoni, dan ma jfissirx li kull driver li jirkeb fiha, ikunx licenzjat jew le, ikun ukoll kopert b'polza kontra rriskji tat-terzi persuni ghax jistghu ikun hemm restrizzjonijiet dwar min ikun kopert b' polza partikolari.*

***"Illi l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li:-***

***"Hadd ma jista' juza ...... vettura tal-mutur fit-toroq kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura MINNU (emfasi ta' din ilQorti) ...... ma tkunx tezisti polza ta' sikurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni...."***

***"Illi it-test tal-ligi Ingliza li tkopri dil-materja u cioe' Sec. 143 (1) (a) tar-Road Traffic Act huwa kwazi identiku ghall-dan l-artikolu w jghid testwalment :-***

***"a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle BY THAT PERSON (emfasi tal-Qorti) such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act..."***

***"Illi l-pozizzjoni fil-ligi u l-Qrati Inglizi hi hekk ukoll. Di fatti kif jghid l-ARCHBOLD [Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998, London, Sweet & Maxwell, p.2417]***

---

[27] Enfasi ta' din il-Qorti.

*fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza:-*

*"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time: Philcox vs. Carberry {1960} Crim. L.R. 563, D.C."*

*"Illi saret f' dik is-sentenza riferenza ukoll ghall Criminal Law Review, 1960 li b' riferenza ghal din is-sentenza fuq citata , kkumenta hekk :-*

*"It is an established rule of evidence that where the truth of the party's allegation lies peculiarly within the knowledge of his opponent, the burden of disproving it lies upon the latter." {Halsbury's Laws of England, 3rd. ed. Vol.15 ,270} In the Criminal Law, it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some act in the absence of a licence or permission and similar cases. It was stated by Talbot J., obiter, in "Williams v. Russell" (1933) 149 L.T. 190, that on a charge of using a motor vehicle without there being in force a policy of insurance, the onus was on the accused to prove he had a policy. This would seem, with respect, a proper application of the principle and is confirmed by the present case."*

*"Umbaghad BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1992) [Blackstone Press Limited, p.1788] jghid:-*

***"In the case of driving without a licence, it is for the accused driver to prove that he is insured. (Williams v. Russell [1933] 149 LT 190; Philcox v. Carberry [1960] Crim. L.R. 563)."*** [28]

***Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b' dan li l-iskwalifika tal-licenzja kollha tas-sewqan tibda' ssehh minn nofs il-lejl (12 pm) tal-lum."***

In oltre, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Gatt**,[29] fejn il-Qorti ghamlet referenza wkoll ghas-sentenzi sucitati fosthom ta' **Scuderi** u **Apap**:

*"Issa kwantu l-oneru tal-prova tal-ezistenza tal-polza ta' assikurazzjoni ma hemmx dubju li tispetta lill-imputat. U dan ai termini tal-artikolu 3(1A) talKapitolu 104 tal-ligijiet ta' Malta. Issa l-appellant esebixxa kopja ta' polza quddiem l-Ewwel Qorti u din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-istess. Din il-polza inharget mis-socjeta' Middlesea Insurance plc fit-12 ta' Marzu 2013 u kienet effettiva sal-11 ta' Marzu 2014. L-assikurat huwa certu Joseph Gatt karta tal-identita' numru 0212759 M li allura ma huwiex l-appellant li ghandu karta tal-identita' numru 258395 M izda, u prezumbilment missier l-appellant. Din il-polza tkopri ukoll l-uzu tal-vettura NOS 200 li hija l-istess wahda intercettata mill-pulizija filwaqt li kienet misjuqa mill-appellant. L-polza tindika dawk li huma msejjha Limitations as to use u f'dan il-kaz huma: Use for social domestic and pleasure purposes and for your own business. Excluding use for hire or reward or for tuition, racing, pace making, reliability, trial or speed testing or for any purpose in connection with the*

---

[28] F'dan is-sensa ara wkoll **Il-Pulizija vs Tarquin Vella** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Marzu, 2021.

[29] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Jannar, 2016.

*Motor Trade. Dik il-parti intestata Authorised Driver/s Details imbaghad tindika biss The Policy Holder Only.*

*Illi minkejja li l-polza ta' assikurazzjoni tkopri biss lill-persuna li certament mhix l-appellant, l-istess appellant jargumenta li kien debitament assikurat u jaghmel dan ghal zewg ragunijet. L-ewwel argument tieghu hu li l-policy schedule fil-pagna 19, igifieri dik sfilzata minn din il-Qorti, tipprovdi dwar dan. Bid-dovut rigward, il-paragrafu citat mill-appellant ma jghidx, wisq anqas, jipprovdi dak pretiz mill-appellant izda jghid biss illi f'kaz li l-assikurazzjoni tkun kostretta taghmel tajjeb ghall-eventwalitajiet hemm imsemmija skond il-ligi, ikollha dritt li tirkupra dak il-hlas minghand il-persuna li minhabba fiha ikun sar il-hlas. L-appellant imbaghad, in sostenn tat-tieni raguni fl-aggravju tieghu, jaghmel referenza ghal-sentenzi ta' din il-Qorti* ***<u>Il-Pulizija vs Angelo Scuderi</u>*** *(App Krim 3.11.2005) u* ***<u>Il-Pulizija vs Mirko Giannetti</u>*** *(App Krim 22.1.2014). B'dan, l-appellant irid issahhah l-argument tieghu illi la darba l-assikurazzjoni hi dejjem marbuta taghmel tajjeb ghal-dejn civili favur terzi skond il-ligi, allura s-sewwieq ta' vettura huwa dejjem assikurat.* ***Issa, traccjat l-insenjament tal-Qrati tul iz-zmienijiet, jidher illi sas-sena 2005, l-Qrati taghna dejjem fehemu dak li fis-semplicita' tieghu jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kap 104, igifieri li hadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jaghmel dan.*** *Dik is-sentenza izda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbligi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriz ir-Regolatur, sabiex tinhargilhom u jzommu fis-sehh il-licenzji taghhom bhala assikurazzjoni kompriz l-obbligi taghhom li jiehu sehem f'pool bhala insurers concerned ma jistghax jitqies li jezonera lill-kull sewwieq mill-obbligi tieghu taht il-Kapitolu 104. Tant hu hekk illi, ghad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza ghal diversi kawzi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza taghha* ***<u>Il-Pulizija vs Andre Apap</u>*** *tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha* ***<u>Il-Pulizija vs Angelo</u>***

***Scuderi (3.11.2005), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.4.2007) u Il-Pulizija vs Charles Galea (7.5.2007) u ohrajn*** *"dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tieghu..".* ***Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha taghti xi interpretazzjoni diversa ghal-artikolu 3(1) u 3(1A) tal-Kapitolu 104 u ghalhekk tqis illi l-appellant ma kienx debitament assikurat. Ghal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju qed ikun michud;"***

Din il-Qorti tinnotta illi kemm l-Ewwel Qorti u kemm l-Avukat Generali qed itennu li l-pozizzjoni taghhom hija dik li ried il-legislatur permezz tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-ligijiet ta' Malta. Sabiex jitnehha dan id-dubbju din il-Qorti sejra tipproduci estratt minn dak li intqal fil-parlament meta kienet qiedgha tigi diskussa din il-ligi:

***"ABBOZZ TA' LIGI LI JEMENDA L-ORDINANZA DWAR L-ASSIGURAZZJONI TA' VETTURI TAL-MUTUR GHAR-RISKJI TA' TERZI PERSUNI***

***MOTOR VEHICLES INSURANCE (THIRD-PARTY RISKS) (AMENDMENT) BILL***

*L-ordni ghat-Tieni Qari gie moqri.*
*Ikompli mit-12 ta' Novembru 2002.*
*Il-mistoqsija regghet tqieghdet.*

***MR SPEAKER****: Il-Ministru Censu Galea huwa in possession.*

***ONOR. CENSU GALEA (Ministru ghat-Trasport u Komunikazzjoni)****: Mr Speaker, il-bierah filghaxija bdejt il-winding up u kont qed nghid li mill-mod li bih tkellmu l-kelliema taz-zewg nahat tal-Kamra jidher li kulhadd huwa konxju mill-problemi li ghandna f'dak li huwa l-immaniggjar tat-traffiku fil-pajjiz u dwar il-*

*bzonn ta` certi mizuri li huma mehtiega biex nipprovaw intejbu l-kwalita` tas-sewqan u s-sitwazzjoni tat-traffiku f'pajjizna. Wiehed jista` jghid li dan l-abbozz ta` ligi jitkellem ukoll dwar il-htiega ta' kumpens fuq claims li jsiru mill-insurances ta' dawk li jhossu li huma aggravati b'rizultat ta' incident partikolari, dwar il-mod ta' kif issir l-assigurazzjoni tal-vetturi u dwar il-mod ta' kif tinzamm l-informazzjoni dwar dawk li jkunu assigurati u dwar id-drittijiet li joriginaw minn insurance cover li tohrog b'rizultat tal-policy marbuta ma' l-insurance f'pajjizna.*

*Sur President, punt li ssemma mill-kelliema taz-zewg nahat tal-Kamra kien jirrigwarda l-htiega li kull vettura tkun verament inxurjata, u dan irirrespettivament mill-eta` ta` sid il-vettura. Hawnhekk kien hemm riferenza ghall-kwestjonijiet li qamu ricentement dwar l-insurance ta' persuni li huma taht il-21 sena. Issemmiet il-htiega li dawn il-persuni m'ghandhomx jigu eliminati mill-insurance cover taghhom, anzi ghandu jkun assigurat li bhal persuni l-ohrajn kollha, dawn ikunu wkoll covered bl-insurance. Huwa importanti li l-preparazzjoni li ssir biex wiehed jiehu l-licenzja tas-sewqan tkun preparazzjoni tali li dak li jkun, irrispettivament mill-eta`, ikun jista' jinghata l-insurance cover li hija mehtiega biex isuq vettura. F'dan l-abbozz ta' ligi hemm indikazzjoni cara ta' x'tip ta' insurance ghandu jkun hemm ghad-diversi vetturi. Hemm bzonn li din l-informazzjoni tkun migbura ghand il-bord li jkun responsabbli minnha biex jigi assigurat li l-vetturi kollha jkunu inxurjati halli jekk kemm-il darba jkun hemm claims minn xi persuna jew grupp ta' persuni li jhossu li ghandhom dritt li jinghataw xi kumpens minhabba xi incident li kienu involuti fih, ikun mod kif jigi stabbilit kif inhuma inxurjati u x'informazzjoni ohra marbuta ma' insurance bhal din.*

*Sur President, f'dan l-abbozz jinghad ukoll il-mod ta' kif wiehed jista' jkun inxurjat, il-mod ta' kif kumpannija li taghmel l-assigurazzjoni tista` twaqqaf milli vettura tkun covered u x'ghandu jsir f'kaz bhal dan. Ovvjament ma nistghux inhallu li wiehed jitlef l-insurance cover tieghu minghajr ma jkun informat ghaliex. Ma jsiatx*

*ikun li wiehed jitlef l-insurance cover tieghu sempliciment ghax xi hadd fettilu jaghmel hekk.* ***Id-dritt li vettura tkun inxurjata m'huwiex biss obbligu min-naha ta' min jipprovdi l-insurance, imma huwa dover ta' min ghandu licenzja li jsuq f'dan il-pajjiz jew f'xi pajjiz iehor. Min isuq irid ikun covered b'insurance biex ikun zgurat li jekk kemm-il darba ikun involut f'incident ikun jista` jsewwi l-hsarat u jinghata l-kumpens.*** *Kif qal l-Onor. Debono Grech il-bierah ikun ghal xejn li wiehed ikollu insurance cover biex ikun jista` jinghata ammont ta` flus jekk fl-incident li kien involut fih imut jew jibqa` korrut b'mod permanenti. L-ideali jibqa' dejjem li ma jkunx hemm incidenti halli ma jkunx hemm htiega li jinghata l-kumpens. Pero` r-relata` tal-hajja tibqa' wahda, irridu jew ma rridux xorta jibqa` jkollna incdienti. Allura b'din il-ligi qed jigi assigurat li f'kaz li jkun hemm incident u jintalab kumpens ghal dawk il-hsarat li jkunu graw ikun hemm il-mod ta' kif dan il-kumpens jigi moghti.*

*Sur President, f'dan l-abbozz ta' ligi qed jinghad ukoll li rridu naraw li mhux biss il-vetturi li huma registrati Malta jkunu covered b'insurance, imma anke l-vetturi li jigu minn barra, biex b'hekk jigi assigurat li jekk kemm-il darba dawn il-vetturi jkunu involuti f'xi incident tat-traffiku dawn ikunu jistghu jinghataw il-kumpens mehtieg. Bl-istess mod irid jigi assigurat li meta vetturi ta` sidien Maltin ikunu barra minn Malta jkunu wkoll covered b'insurance biex kemm-il darba jkun hemm xi incident ikun hemm il-garanzija wiehed ikun jista` jigi kompensat ghad-danni li jista` jikkawza kemm fuq vetturi kif ukoll fuq persuni li jkunu qeghdin fl-istess karozza mieghu jew fuq persuni li jkunu f'karozzi ohra. Barra minn hekk dan l-abbozz ghandu artiklu gdid li jaghti l-poter lil min ikun responabbli mit-trasport li minn zmien ghal zmien jaghmel il-verifiki mehtiega fuq il-karozzi, b'mod partikolari dawk li jigu minn barra minn Malta halli jaraw li dawn huma covered b'insurance ghax jista` jkun li wiehed jghid li ghandu insurance cover, jew forsi ma jghid xejn, imbaghad meta jikkawza xi incident jinstab li ma kienx hemm insurance cover. Qed jinghad ukoll li jekk persuna li tkun residenti f'Malta jew f'xi wiehed mill-istati li jissemmghu fl-istess abbozz ta' ligi tkun involuta f'xi incident ghandha dritt*

*tinizzja l-proceduri – l-abbozz fih id-dettalji kif dan jista` jsir – biex tigi kompensata ghad-danni li tkun sofriet. F'dan ir-rigward ukoll il-kumpanniji li jipprovdu l-assigurazzjoni ghandhom irid ikollhom regolamenti dwar il-mod ta' kif jinhatar rapprezentant taghhom jekk kemm-il darba jkun hemm incidenti barra minn Malta li jirrigwardaw claims. Fil-fatt fl-abbozz hawn id-dettalji kollha dwar kif kumpannija li qed tipprovdi l-insurance tkun tista' taghmel dawk il-verifiki necessarji biex ikun assigurat li jigri fejn jigri l-incident ikunu jistghu jinghataw dawk id-drittijiet li johorgu mill-koperta ta' l-insurance li wiehed ikollu.*

*Sur President, permezz ta` dan l-abbozz se jitwaqqaf korp li jaghti kumpens lill-partijiet li jkunu offizi li jkunu residenti f'Malta. Dan il-bord irid jara x'tip ta` kumpens irid jaghti halli nassiguraw li jkollna kriterji cari dwar kif jinghataw kumpens. Wiehed jista' jghid li matul iz-zmien kellna sitwazzjonijiet fejn wiehed forsi jdum hafna biex jircievi kumpens, imbaghad meta eventwalment jircievi dak il-kumpens tqum diffikulta` dwar jekk il-kumpens li nghata kienx wiehed baxx u affarijiet ohra bhal dawn. Allura qed jitwaqqaf dan il-korp biex jassigura li l-kumpens li jinghata jkun wiehed li jaghmel tajjeb ghall-hsara li tkun saret. L-ikbar diffikulta` li niffaccjaw u li trid tigi mharsa hija l-mod ta' kif jigi kkalkolat id-dannu fuq il-persuni u liema persuni ghandhom dritt jinghataw kumpens. Dwar dan ghad iridu johorgu avvizi legali li jitkellmu dwar il-kriterji paritkolari li ghandu jkun hemm ghar-rigward ta' dan il-kumpens.*

***F'dan l-istess abbozz hawn l-obbligu li kull vettura li tkun fit-toroq taghna trid tkun covered b'insurance**. Kemm-ild arba qrajna jew smajna b'persuni li kienu involuti f'incidenti tat-traffiku waqt li kienu qeghdin isuqu l-vettura l-vettura taghhom, u dawn ma kellhomx cover ta' insurance. Kulhadd jaf li dan huwa riskju qawwi u bla bzonn min-naha ta' dawk il-persuni li jkunu qeghdin isuqu vettura. Meta tqis l-ammont kbir ta` karozzi li nkunu involuti fl-eluf ta' incidenti tat-traffiku kull sena bilfors ikollok tghid li wiehed ikun qed jirriskja z-zejjed meta jkun qed isuq karozza li ma tkunx inxurjata. Min jiehu riskju bhal dan barra li jista' jsib*

*ruhu f'pozizzjoni li jkollu jhallas ghad-danni li jkunu saru, aghar minn hekk jista' jdahhal f'inkwiet ikbar persuni ohrajn li jkunu korruti jew lill-familjari ta' dik il-perusna li tkun korriet jew alla hares mietet.* ***<u>Allura jrid jigi assigurat li kull persuna li tkun qed issuq jkollha insurance cover.</u>***[30] *Jiena nahseb li issa wasal iz-zmien li wiehed jista` jibda jhares lejn il-possibbilta` bl-mezzi elettronici li ghandna u b'kollaborazzjoni ma' l-agenziji ta' l-insurances tingabar informazzjoni biex jigi assigurat li l-vetturi kollha li jkollna f'pajjizna jkunu covered b'insurance."*[31]

In vista tas-suespost, din il-Qorti temmen illi mhux biss il-vettura ghandha tkun assigurata kif enfasizzat l-Ewwel Qorti, izda wkoll is-sewwieq li jkun qieghed isuq il-vettura. Fil-kaz odjern, is-sewwieq Ryan Azzopardi, ma kellux licenzja tas-sewqan u ghalhekk dan ma setax ikun kopert bil-polza tal-assigurazzjoni esebita fl-atti. Oltra minn hekk, l-unika sewwieqa indikata fil-polza hija l-appellata Moira Micallef.

Is-sejbien ta' htija skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 104 inissel ukoll bhala konsegwenza l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tnax (12) -il xahar b'dan li l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni illi f'certi cirkostanzi li hi tqis bhala ragunijiet specjali tnaqqas jew izzid mill-perijodu ta' skwalifika, jew taghti kull ordni ohra, cioe` li anke addirittura ma tapplikax tali skwalifika.

Fl-Appell Kriminali **<u>Il-Pulizija v. Angelo Cassar</u>** deciz fit-2 ta' Frar 1957 intqal:

*"il-fatt li wiehed jahseb li jkun 'covered' ma hux affattu, sic et simpliciter, 'special reason'. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni tirrileva, din il-frazi 'special reasons', fil-*

---

[30] Enfasi ta' din il-Qorti.

[31] Kamra tad-Deputati, Rapport Ufficjali u Rivedut, Id-disa' Parlament, Laqgha numru 814, l-Erbgha, 13 ta' Novembru 2002, p. 567 et seq.

> *kuntest ta' din il-ligi, gejja mil-ligi Ingliza, u l-pont ta' l-'ispecial reasons' gie ferm kunsidrat mill-Qrati Inglizi, u nkitbu diversi testi in materja. Fil-kawza '**<u>Bennison vs Knowler,</u>** All England Law Reports, p. 302, 1947, gie ritenut li l-assikurat hu fid-dover li jinforma ruhu dwar il-portata tal-polza, jekk ma jifhimx sewwa l-estensjoni tal-'cover' taghha; u li, biex ikun hemm 'special reason', jehtieg li mhux biss hu haseb, anke jekk onestament, li kien kopert, imma jehtieg li kien hemm xi cirkustanzi li kienu ragjonevolment jiggustifikawh jahseb hekk."*

L-appellata Moira Micallef xehdet quddiem l-Ewwel Qorti nhar it-18 t' Ottubru, 2022 fejn qalet illi s-sewwieq Ryan Azzopardi dejjem bluffja li kellu licenzja izda hi x'ghandu u m'ghandux ma tafx. Hi xehedet illi Ryan Azzopardi gieli hadilha l-karozza minghajr il-permess taghha. Mistoqsija mill-Qorti gielhiex wisset lil Azzopardi sabiex ma jmissilhiex il-karozza, hi wiegbet li miljun darba kienet ghamlet dan u gieli anke cemplet l-ghassa ta' Bormla sabiex tghidilhom li dan kien qabad u hadilha l-karozza. Min-naha l-ohra skont l-affidavit ta' PS 2041 E. Cassar jirrizulta illi l-appellata kienet qaltilhom li kienet taf li Azzopardi kien qed juza l-vettura taghha, izda ma kienitx taf li dan m'ghandux licenzja tas-sewqan. Illi din il-Qorti tinnotta illi fil-polza tal-assigurazzjoni, fis-sezzjoni '*authorised drivers*' hi biss hemm imsemmija u m'hemm l-ebda indzikazzjoni ghal xufier iehor, inkluz Ryan Azzopardi. Ghalkemm jista' jkun minnu li l-appellata ma kienitx taf li Azzopardi ma kellux licenzja, fir-rigward tal-polza tal-assigurazzjoni kienet taf li hi biss hemm indikata u ghalhekk jista' jinghad li ma agixxitx bhala *bonus pater familias*. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti ma jidriliex li ghandu jkun hemm temperament fil-perijodu ta' skwalifika tal-licenzja tas-sewqan.

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tilqa' l-aggravju mressaq mill-Avukat Generali billi tikkonferma l-parti fejn sabet htija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u thassarha fejn l-Ewwel Qorti ma sabitx htija ghat-tieni mputazzjoni u ghalhekk issib lill-appellata Moira Micallef hatja ghaz-zewg imputazzjonijiet mressqa fil-konfront taghha u ghalhekk tikkundannaha multa ta' elfejn, erba' mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha

u tletin centezmu (€2429.37) u tordna li tigi skwalifikata mil-licenzja taghha tas-sewqan ghal perijodu ta' tnax (12)-il xahar mill-lum.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**